# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' April, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 494/13/1 AF**

**Amparo Laroco Lopez**

**v.**

**Mary Martin u b'digriet tal-15 ta' Mejju, 2014, Dr Alessandro Lia LL.D u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Mary Martin, u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2016, l-istess kuraturi ġew maħtura biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Mary Martin**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq minn Dr Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' Mary Martin (minn

issa 'l hemm imsejħa wkoll bħala 'kuraturi deputati' jew 'l-appellanti'), minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija nhar it-30 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha l-wirt battal ġie kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' €11,939.75 bl-imgħax mid-data tas-sentenza, għax-xogħol li hija tat lil Mary Martin.

**Daħla**

2. Illi permezz ta' rikors maħluf imressaq nhar l-24 ta' Mejju, 2013, l-attriċi fissret li hija kienet impjegata ma' Mary Martin bħala *personal carer.* Dan l-impjieg ġie mwaqqaf fit-28 ta' Ġunju, 2012.

3. L-attriċi tissokta tgħid li l-imgħallma tagħha ma ħallsitx dak dovut lilha rigwardanti l-impjieg tagħha, inkluż xogħol, ħlas ta' ġranet franki, festi pubbliċi u ta' sahra maħdum. Fissret li l-ħlas dovut huwa fl-ammont ta' €11,928.44.

4. Magħdud ma' dan, l-attriċi tgħid li barra li kienet tieħu ħsieb lil Mary Martin, hija kienet tieħu ħsieb ukoll lil żewġ anzjani oħra, ċjoè lil oħtha Blanche Martin u lil Joseph Martin, u għadha ma tħallsitx lanqas tax-xogħol li hija għamlet bħala *personal carer*. Tgħid li billi sejħet għalxejn lil Mary Martin għall-ħlas, fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara li l-attriċi kienet impjegata mal-konvenuta, u li l-konvenuta hija debitriċi fil-konfront tagħha in konnessjoni max-xogħol li hija għamlet ta' personal carer.*

*2. Tillikwida s-somma dovuta lill-attriċi, għax-xogħol kollu li għamlet fl-impjieg tagħha mal-konvenuta, liema impjieg ġie tterminat u liema somma għandha tinkludi l-ħlas kollu dovut lilha skont il-liġi inkluż tax-xogħol maż-żewġ anzjani hawn indikati oltre l-konvenuta, ħlas ta' overtime, public holidays u leave.*

*3. Tordna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi dik is-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra bonarja datata 12 ta' Diċembru 2012, l-ittra uffiċjali datata 15 ta' Mejju 2013, u bl-imgħax legali, kontra l-konvenuta, li tibqa' minn issa inġunta in subizzjoni.»*

5. Il-kuraturi deputati ressqu r-risposta maħlufa tagħhom fis-7 ta' Awwissu, 2014 li permezz tagħha eċċepew illi:

*«1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċeduri, jekk ikun il-każ, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmija Mary Martin, minnhom rappreżentata, jew xi qraba tagħha. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tipprovdilhom kull indirizz inkluż dak elettroniku u/jew numru tat-telephone ta' Mary Martin jew tal-qraba tagħha sabiex ikunu jistgħu jikkomunikaw magħhom.*

*2. F'kull każ irid jiġi aċċertat li l-imsemmija Mary Martin għandha diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilha inkapaċi li tieħu ħsieb ħwejjiġha ai termini tal-liġi.*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-attriċi trid iġġib prova li kwalsijasi ammont li hija qiegħda titlob mhuwiex preskritt ai termini tal-artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili.*

*4. Mingħajr preġudizzju wkoll, in-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju.*

*5. F'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B’sentenza finali mogħtija nhar it-30 ta’ Ottubru, 2019 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

> *«1.Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-kuraturi deputati in rappreżentanza tal-eredità ġjaċenti ta’ Mary Martin;*
>
> *2. Tilqa’ l-ewwel talba;*
>
> *3. Tilqa’ t-tieni talba billi tillikwida l-ammont dovut lill-attriċi fis-somma ta’ ħdax-il elf, disa’ mija u disgħa u tletin ewro u ħamsa u sebgħin centeżmu (€11,939.75);*
>
> *4. Tordna lill-konvenuti nomine jħallsu s-somma ta’ ħdax-il elf, disa’ mija u disgħa u tletin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€11,939.75) lill-attriċi bl-imgħax mid-data tas-sentenza.*
>
> *L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti nomine.»*

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

> *«Ikkunsidrat illi din hija kawża għal remunerazzjoni u kumpens għal vacation leave, btajjel pubbliċi u sahra. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi kienet impjegata bħala full time live in personal carer mal-konvenuta, mara anzjana, mill-1 ta’ April 2011 sat-28 ta’ Ġunju 2012. Xogħolha kellu jkun li tieħu ħsieb lill-konvenuta. Jgħixu mal-konvenuta kien hemm żewġ ħutha anzjani Joseph u Blanche Martin. L-attriċi tgħid illi fil-perjodu li damet impjegata mal-konvenuta kienet tieħu ħsieb lilhom ukoll. L-impjieg tal-attriċi ġie terminat meta l-konvenuta ġiet rikoverata f’dar tal-anzjani. L-attriċi tispjega li l-ftehim mal-konvenuta, li ma kienx sar bil-miktub, kien illi titħallas paga ta’ €700 fix-xahar għal 40 siegħa xogħol iżda effettivament kienet taħdem ħdax-il siegħa kuljum, ma kinitx titħallas la għas-sahra u lanqas meta kienet taħdem f’btajjel pubbliċi. Hija tilmenta wkoll li qatt ma ngħatat jew tħallset għal vacation leave. Tgħid ukoll illi sikwit kien ikollha tqum bil-lejl biex tgħin lill-konvenuta u li kienet imqabbda wkoll tieħu ħsieb lil Joseph u Blanche Martin.*
>
> *Ftit qabel ma ġie terminat l-impjieg tagħha, il-konvenuta fetħet ilment mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. Mill-investigazzjonijiet li għamlu rappreżentanti tad-Dipartiment, skont il-fatti rakkontati lilhom mill-attriċi, irriżulta li huwa dovut lill-attriċi s-somma komplessiva ta’ €11,939.75 għal sahra, ġranet tax-xogħol li kkoinċidew ma’ btajjel pubbliċi u vacation leave. Ftit taż-żmien qabel ma ġie*

*terminat l-impjieg tagħha, l-attriċi u l-għarus tagħha, illum żewġha, kienu avviċinaw lill-familjari tal-konvenuta u talbuhom ħlas tas-somma komputata mid-Dipartiment iżda dawn irrifjutaw. Dan ir-rendikont magħmul mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg intbagħat lill-konvenuta iżda la l-konvenuta u lanqas il-familjari tagħha qatt ma rrispondew jew għaddew kumment dwaru. Jirriżulta li sa dak iż-żmien, il-konvenuta kienet diġà tbati bil-marda tad-dementia u ma kinitx f'pożizzjoni tifhem dak li ġie mitlub minnha.*

*Fuq talba tal-istess Dipartiment, ġew istitwiti proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenuta, qua prinċipal, taħt l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali u r-Regolamenti tal-2003 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol. Il-konvenuta qatt ma dehret quddiem il-Qorti peress illi l-istat mentali fraġli tagħha ma kienx jippermetti. Dawn il-proċeduri ġew estinti mal-mewt tal-konvenuta.*

*Fl-ewwel lok, il-kuraturi deputati eċċepew illi mhumiex edotti mill-fatti tal-każ. Eċċepew ukoll illi jrid jiġi aċċertat li Mary Martin verament tbati minn diżordni mentali li tagħmilha inkapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha. Din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata stante li mal-mewt ta' Mary Martin il-kuraturi nħatru sabiex minflok jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija sodisfatta mill-provi fl-atti li Mary Martin tassew ma kinitx kapaċi tieħu ħsieb ħwejjiġha fiż-żmien illi ġiet intavolata l-kawża.*

*Il-kuraturi imbagħad eċċepew li l-attriċi trid iġġib prova li kwalsiasi ammont li qiegħda titlob mhuwiex preskritt a tenur tal-artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jaqra hekk:*

> *«L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sena: (ċ) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu.»*

*Din il-Qorti tibda billi tgħid illi l-eċċipjenti għandhom żball meta jgħidu li hija l-attriċi li għandha ġġib prova li l-ammont mitlub mhuwiex preskritt għaliex huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li dan l-oneru jaqa' fuqhom. …*

*….*

*Iżda iżjed minn hekk, jidher li llum il-ġurnata, wara l-emendi li saru fil-liġi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Att I tal-2017, senjatament dawk l-emendi li jolqtu l-ġurament deċiżorju, il-kuraturi mhumiex f'pożizzjoni li jsostnu l-eċċezzjoni tagħhom stante li l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili llum irid illi huma jieħdu l-ġurament minn jeddhom, xi ħaġa li huma m'għamlux għaliex ma jistgħux, ladarba mhumiex edotti mill-fatti tal-każ. L-ewwel subinċiż ta' dan l-artikolu jipprovdi testwalment li:*

> *«l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament*

> *minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.»*

*Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet* ***Bank of Valletta plc v. l-Avukat Patrick Valentino et noe****, din il-Qorti diversament preseduta għamlet distinzjoni bejn il-ġurament deċiżorju kif għandu jiġi applikat illum, u kif kien jiġi applikat mill-Qrati qabel l-emendi fil-każ meta, bħal-lum, il-preskrizzjoni tiġi eċċepita minn kuraturi. Qalet hekk:*

> *«Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-partijiet ma għamlux distinzjoni ċara bejn il-ġurament deċiżorju kif nafuh qabel l-emendi tas-sena 2017 u dak kif illum rifless fl-artikolu 2160 b'saħħa ta' l-emendi msemmija.*
>
> *Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Casapinta Design Group Ltd v. Dr. Tonio Azzopardi noe****. deċiżjoni mogħtija ferm qabel l-emendi diskussi ingħad –*
>
> > *«Il-Qorti tislet riflessjoni fuq dan il-punt mill-każijiet fejn kuratur bħal dan jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Jinsab paċifikament assodat, almenu sa mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, sede Civile, tas-17 ta' Ġunju 1881 fil-kawża fl-ismijiet "***Dr. Francesco Sammut nomine -vs- Dr. Giuseppe Rocco Peralta nomine et****", (Vol. IX p 459), illi lil kuratur ma jistax jiġi defirit il-ġurament anke jekk jeċċepixxi l-preskrizzjoni. Dan għall-motiv illi "se questo è un curatore d'ufficio è ignaro dei fatti, non può ne affermare ne negare" ("***Fto. Calleja et -vs- Ant. Mangion nomine****", Appell Civili, 22 ta' Frar 1892 a Vol. XIII p 112). Kif ulterjorment enunċjat, "il provvedimento voluto dall'attore di deferire il giuramento ai curatori da prestarsi in nome e dietro istruzione del debitore non sarebbe conducente al fine voluto dalla legge che è quello di rimettersi alla coscienza del debitore vincolata dal giuramento; di fatti il debitore non sarebbe in tal caso astratto da alcun vincolo di coscienza e i curatori di un fatto non proprio non potrebbero giurare che sulla fede altrui per cui lo scopo della legge sarebbe frustrato" - "* ***Carlo Farrugia Satariano -vs- Dr. Gius. Frendo Azzopardi et****", Qorti Civili, Prim' Awla, 8 ta' Jannar 1920 (Vol. XXIV P II p 97);"*
>
> *Jemerġu ċari żewġ punti saljenti minn dan riprodott;*
>
> *1. Illi l-kuraturi deputati jistgħu jagħtu dawn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni.*
>
> *2. Illi ma SETAX però jiġi defirit lilhom il-ġurament decisorio li jistrieħ unikament fuq il-kuxjenza u l-konoxxenza ta' l-allegat debitur propju.*
>
> *Hawn però jinħtieġ isir punt ieħor li jemerġi llum mill-emendi li saru fl-istitut tal-ġurament decisorio u ċjoè dawk kif provduti fis-subinċiż wieħed tal-istess artikolu 2160 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illum dan is-subinċiż ġie emendat fis-sens li min qiegħed iressaq eċċezzjoni ta' preskrizzjoni irid minn jeddu u mhux fuq talba tal-attur, kif fil-vera natura tiegħu hu saput il-ġurament decisorio, jistqarr u jixhed li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx mħallsa. Isegwi allura li lanqas m'għadu jista' jiġi sollevat li ma jistax jiġi defirit il-ġurament decisorio lil deputat kuratur, għaliex issa dan darba li għażel il-linja ta' preskrizzjoni bħala difiża, irid tassattivament minn jeddu jitla' u jistqarr dak mitlub minnu ex lege. Mela kull kuratur deputat jista' jissolleva tali eċċezzjoni però jinħtieġu illi jkun ben jgħammar bl-informazzjoni li trid minnu l-liġi*

*biex jkun jista' jsostni l-eċċezzjoni minnu mressqa. Lanqas għalhekk ma baqa' l-każ llum li wieħed jitkellem fuq ġurament defirit lil debitur għaliex biex id-debitur isostni b'suċċess l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kwinkwennali waqa' fuqu l-piż li jagħti dan il-ġurament, m'għadux il-każ fejn l-attur jistrieħ fuq il-kuxjenza tad-debitur, fin-nuqqas l-eċċezzjoni mressqa ma ssibx suċċess.»*

*Din il-Qorti qiegħda tagħmel tagħha dan l-insenjament u b'applikazzjoni tal-premess, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Il-kuraturi ma ressqu l-ebda eċċezzjoni fil-mertu stante li mhumiex edotti mill-fatti tal-każ. Id-dokumenti fl-atti jikkorroboraw il-verżjoni tal-attriċi li tax-xogħol li kienet tagħmel kienet titħallas biss madwar €700 fix-xahar. Il-Qorti, wara li fliet il-provi kollha prodotti, ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiskarta l-versjoni tal-attriċi u l-komputazzjoni magħmula mid-Dipartiment dwar kemm huwa dovut lilha mingħand il-konvenuta bħala remunerazzjoni għal sahra, vacation leave mhux mħallsa u mhux utilizzata u ġranet tax-xogħol li kkoinċidew ma' btajjel pubbliċi kif trid il-liġi.*

*Fit-trattazzjoni finali tiegħu, l-abbli kuratur jargumenta li skont* ***l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex Jirregola l-Pagi (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.40)*** *l-attriċi mhijiex intitolata għal ħlas ta' sahra fil-ġranet illi hija kienet torqod għand il-konvenuta. Madanakollu, il-Qorti tqis illi dawn ir-regolamenti ma japplikawx għall-attriċi stante li hija ma taqa' taħt l-ebda kategorija hemm imsemmija peress li ma kinitx impjegata bix-xahar, bil-ġimgħa, bil-ġurnata jew bis-siegħa. B'żieda ma' dan, il-Qorti ma taqbilx ma dak li ssottometta l-istess kuratur għaliex id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-iskeda li fuqhom isejjes l-argument tiegħu jistabbilixxu biss ir-remunerazzjoni għal sahra li jkunu intitolati għaliha l-ħaddiema konċernati fil-ġranet li ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom. Il-fatt illi l-iskeda ma tgħid xejn fuq ir-remunerazzjoni għal sahra meta l-impjegat jorqod fid-dar tal-prinċipal, bħal ma jirriżulta li kienet tagħmel kuljum l-attriċi, ma jfissirx illi dak il-ħaddiem mhuwiex intitolat li jitħallas għas-sahra.*

*Finalment, il-kuraturi jeċċepixxu n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju. Il-Qorti qiegħda tifhem li din l-eċċezzjoni ġiet sollevata b'reazzjoni għat-talba attriċi sabiex titħallas għax-xogħol li għamlet ma' Joseph u Blanche Martin. Madanakollu, din il-Qorti tqis li mhuwiex il-lok la li l-aħwa Martin jiġu msejħa fil-kawża u lanqas li tintlaqa' t-talba attriċi għal kumpens għax-xogħol illi għamlet magħhom għaliex għas-sigħat kollha 'l fuq minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa li ħadmet sakemm damet impjegata mal-konvenuta, hija ser tiġi kumpensata skont il-komputazzjoni li saret mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg. Huwa irrelevanti jekk dan ix-xogħol sarx direttament mal-konvenuta jew ma' Joseph u Blanche Martin fuq talba tal-konvenuta bħala l-prinċipal.»*

8. Il-kuraturi deputati appellaw minn din is-sentenza finali, b'rikors imressaq fit-8 ta' Novembru, 2019 bi tliet aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti m'għamlitx sew li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li qajmu huma b'riħet l-**Artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, meta qalet li din ma tiswiex fid-dawl tal-emendi li daħħlu fis-seħħ fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**; (ii) li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx sew li l-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.22**, ċjoè l-**Ordni għall-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku** ma japplikax għall-każ tal-lum; u (iii) li mingħajr ħsara għall-aggravji ta' qabel, jgħidu li l-attriċi rrinunzjat għal dak kollu li hija qiegħda titlob billi hija baqgħet taħdem għal madwar tlettax-il xahar qabel ilmentat għall-ewwel darba dwar dak mitlub.

9. L-attriċi wieġbet għall-appell tal-kuraturi deputati permezz ta' risposta mressqa fit-28 ta' Novembru, 2019 u tat ir-raġunijiet għala l-appell tagħhom kellu jiġi miċħud.

10. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fit-18 ta' Jannar, 2024 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Din hija kawża li permezz tagħha l-attriċi li kienet impjegata bħala *carer* ma' Mary Martin (illum mejta) qiegħda titlob li hija titħallas tas-sahra,

ta' ġranet franki u għall-btajjel pubbliċi li hija ħadmet għalihom, iżda li baqgħet qatt ma tħallset tagħhom. Kif rajna, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi.

12. Nibdew għalhekk inqisu l-**ewwel aggravju** tal-appellanti fejn jgħidu li huma ma jaqblux mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u dan għal bosta raġunijiet. Jibdew billi jgħidu li l-Ewwel Qorti kulma għamlet kien li qablet mas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Jannar, 2018, mingħajr ma rreferiet għall-fatt li l-appell għal dik is-sentenza kien għadu pendenti. L-appellanti jgħidu li filwaqt li l-Ewwel Qorti kellha raġun meta qalet li l-kuraturi deputati għandhom dejjem il-jedd li jressqu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, madankollu huma ma jaqblux mal-Ewwel Qorti illi huma jridu jieħdu ġurament skont l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** sabiex jistgħu jqajmu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

13. Il-kuraturi deputati jgħidu li tqum diffikultà bl-interpretazzjoni li tat l-Ewwel Qorti dwar l-emendi li saru fl-**Artikolu 2160** bl-**Att I tas-sena 2017**, fis-sens li issa li huwa l-konvenut li għandu minn jeddu jieħu l-pedana tax-xhieda u jieħu l-ġurament deċiżorju, mela allura jsegwi li anke l-kuratur deputat huwa obbligat jieħu ġurament sabiex ikun jista' jeċċepixxi b'suċċess l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. L-appellanti jisħqu li biċ-ċaqliq tal-oneru ta' min irid itella' jew jitla' jieħu l-ġurament ma sar ebda tibdil fit-tagħlim tal-Qrati tagħna fejn jidħlu kuraturi deputati. Jargumentaw li l-fatt

li l-leġislatur, wara l-**Att I tas-sena 2017**, ried li ma jkunx aktar l-attur li jtella' lill-konvenut jikkonferma bil-ġurament kif meħtieġ mill-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, iżda tefa' dan il-piż fuq il-konvenut, dan ma jfissirx f'daqqa waħda li l-kuraturi deputati għandhom ukoll jikkonfermaw bil-ġurament dak imsemmi fl-imsemmi artikolu. L-appellanti għalhekk jgħidu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li l-emendi tas-sena 2017 għandhom ifissru li huma kellhom jagħtu l-ġurament deċiżorju msemmi fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**.

14. Il-kuraturi deputati tennew ukoll, mingħajr ħsara għal dak li qalu qabel, li r-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa kontradittorju għaliex kuratur deputat ma jista' qatt jieħu ġurament deċiżorju, ġaladarba huwa ma jkunx edott mill-fatti. Jissoktaw jgħidu li l-kuratur deputat huwa istituzzjoni mwaqqfa mil-liġi li tagħti s-setgħa lill-avukati u prokuraturi legali li jkun imisshom fil-lista sabiex b'obbligu lejn il-ħatra tagħhom, jiddefendu l-kawża bħala deputati proċedurali ta' persuni li, skont id-dispożizzjonijiet tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, ma jkunux f'qagħda li jagħmlu dan. Għalhekk, l-appellanti jtennu li d-deputat kuratur mhuwiex id-debitur, u għalhekk, dak indikat fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** ma japplikax għall-kuraturi deputati. Ir-raġuni hija li l-kuraturi deputati la jistgħu jikkonfermaw li huma mhumiex debituri tal-attur u lanqas ma jistgħu jaħilfu li huma ma jiftakrux jekk id-dejn ġiex imħallas.

15. L-appellanti jissoktaw jgħidu li bir-raġunament tal-Ewwel Qorti, il-kuraturi deputati li ma jkunux edotti mill-fatti ma jistgħu qatt jeċċepixxu l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**. Fil-fehma tagħhom dan żgur ma kienx l-ispirtu tal-leġislatur.

16. L-appellanti jagħlqu dan l-aggravju billi jgħidu li, mingħajr ħsara għal dak li qalu qabel, huma qatt ma jistgħu jiġu ppreġudikati b'emendi li saru wara li huma kienu diġà ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fil-kwalità tagħhom ta' kuraturi ta' wirt battal. Ikomplu jfissru li l-**Att I tas-sena 2017** daħal fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017, filwaqt li l-eċċezzjonijiet tagħhom tressqu fis-7 ta' Awwissu, 2014. Imbagħad il-kwalità tagħhom ta' kuraturi tal-wirt ġjaċenti ta' Mary Martin ġiet stabbilita fil-5 ta' Ottubru, 2016. Għaldaqstant isostnu li din il-Qorti għandha tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom fis-sens li kwalunkwe talba ta' ħlas min-naħa tal-attriċi li tirreferi għall-perjodu qabel l-24 ta' Mejju, 2012 għandha tiġi dikjarata preskritta. Jgħaddu mbagħad biex jikkalkulaw li l-ammont li jista' jkun dovut huwa ta' €877.59 (mingħajr ħsara għall-aggravji kollha).

17. Din il-Qorti tqis li huwa għaqli li tibda tqis l-aħħar parti tal-aggravju ċjoè fejn il-kuraturi deputati qegħdin isostnu li l-Ewwel Qorti ma messhiex ħaddmet l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** hekk kif emendat. Mod ieħor, l-appellanti qegħdin isostnu li l-Ewwel Qorti kellha tħaddem l-ordinament ġuridiku li kien fis-seħħ meta nfetħet il-kawża.

18. L-appellata dwar dan il-punt tgħid li dan huwa punt ġdid imqanqal issa fl-istadju tal-appell.

19. Din il-Qorti iżda ma tqisx din il-preġudizzjali bħala waħda siewja billi fl-ewwel lok hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, liema liġi għandha titħaddem fil-każ li trid tiddeċiedi l-Qorti dwaru; u fit-tieni lok, tifhem li l-kuraturi deputati ladarba kienu ressqu l-eċċezzjoni tagħhom ferm qabel ma daħlu l-emendi fis-seħħ, ma setgħux jobsru li l-Ewwel Qorti kienet se taħsadhom billi tapplika liġi li ma kinitx fis-seħħ meta ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom mingħajr almenu ma ttihom iċ-ċans iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dik il-kwistjoni.

20. Dwar din il-kwistjoni tal-applikabbilità tal-emendi tal-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, waqt li tkun għaddejja l-kawża, ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Edwin Caruana v. Air Malta plc*** li:

> *«Jibda billi jiġi ppreċiżat illi dwar l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, l-emendi li saru fir-rigward, kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017, daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017 u fl-24 ta' Frar, 2017, rispettivament. Din il-Qorti tasal li taqbel mal-appellanti li l-emendi li jolqtu l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**, m'għandhomx japplikaw għall-każ fejn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jkunu ġa validament imressqa, qabel ma daħal fis-seħħ l-**Artikolu 2160** kif emendat fl-2017 (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anthony Pandolfino v. Automated Revenue Management Services Limited** fis-26 ta' Ottubru, 2022.)«*

21. Jirriżulta sewwasew fil-każ tal-lum li l-kuraturi deputati ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom, inkluż dik tal-preskrizzjoni, nhar is-7 ta' Awwissu, 2014 u għalhekk ferm qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi. Il-kawża attriċi ġiet preżentata nhar l-24 ta' Mejju, 2013. Għaldaqstant f'dan il-każ japplika l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** qabel ma ġie emendat. Jinżel b'hekk, li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta qalet li l-kuraturi deputati kellhom jagħtu l-ġurament tagħhom skont l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** kif emendat fl-2017.

22. Illi għalkemm din il-Qorti qiegħda ssib li għall-każ tal-lum għandha titħaddem il-liġi qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi tas-sena 2017, b'danakollu hija tqis li huwa xieraq li tistħarreġ l-argumenti mressqa mill-kuraturi deputati dwar x'inhi l-pożizzjoni tal-kuratur deputat għal dak li huwa l-ġurament deċiżorju, ladarba bis-saħħa tal-emendi tal-2017, l-oneru jaqa' fuq il-konvenut li jieħu l-ġurament meta jqajjem eċċezzjoni bħal dik li għandna quddiemna.

23. L-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** bis-saħħa tal-emendi ġie jaqra hekk:

> *«2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*
>
> *(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma*

> *jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*
>
> *(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.»*

24. L-Ewwel Qorti saħqet li l-**Artikolu 2160** kif emendat ma jeħlisx lill-kuratur deputat milli jieħu ġurament, u b'hekk jiġi li l-kuratur deputat sabiex jirnexxi fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla minnu għandu jitla' fuq il-pedana u jistqarr dak mitlub minn *ex lege* ladarba jqajjem eċċezzjoni bħal dik tal-lum.

25. Din il-Qorti iżda ma tistax taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti.

26. Interessanti l-mod kif il-ġurisprudenza ssawret dwar din il-kwistjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Vincenzo Benedetto Dimech v. Dr Giovanni Brincati et nomine*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Jannar, 1873 (Vol. VI.396) intqal:

> *«Che il convenuto nomine, il quale non è ammissibile a prestare il giuramento prescritto nel detto Articolo 1924 (illum l-Artikolu 2160) non può efficacemente eccepire la prescrizione.»*

27. Tal-istess fehma kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenzi fl-ismijiet ***Notary Giuseppe Raimondo Psaila nomine v. Francesco Saverio Psaila et*** mogħtija fit-22 ta' Marzu, 1878 (**Vol. VIII.471**); u dik

mogħtija fl-10 ta' Novembru, 1921 fl-ismijiet ***Antonio Borg v. Dr Giuseppe Frendo***.

28. Din il-linja ta' ħsieb kienet ukoll imtennija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru, 1891 fis-sentenza fl-ismijiet ***Fortunata wife of Angelo Calleja v. Antonio Mangion et***. Madankollu, hekk kif imfisser minn **Dr Philip Farrugia Randon** fil-ktieb tiegħu ***The Word of the Court***, il-Qorti tal-Appell, ippreseduta minn Sir Adriano Dingli, fit-22 ta' Frar, 1892, dwar din il-kwistjoni, ikkonkludiet fl-ewwel lok li l-preskrizzjonijiet qosra msemmija f'dak li llum huwa l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** huma msejsa fuq il-preżunzjoni tal-ħlas li ġejja mill-fatt li dawn it-tipi ta' djun ma jitħallewx mhux mitluba mill-kredituri jew fil-konfront tad-debituri rarament tintalab irċevuta mal-ħlas. B'hekk il-Qorti tal-Appell qalet li:

> *«Questa presunzione sussiste per se stessa, indipendentemente dal giuramento di colui, dal quale è data l'eccezione.»*

29. Il-Qorti kompliet tfisser li:

> *«Che l'articolo 1924 (illum l-Artikolu 2160) non richiede il giuramento dell'eccipiente per fortificare la prescrizione, ma somministra all'attore un mezzo di ripellere colla delazione del giuramento del convenuto, ove egli stesso voglia prevalersene, e il convenuto sia in condizione di poterlo prestarlo. Se questi è un curatore d'ufficio, è ignaro dei fatti, non può nè affermare nè negare, manca, a lui la presunzione del pagamento, ma all'attore il mezzo di distruggerla, e la prescrizione deve avere il suo effetto, come questa Corte ritenne nella causa **Dr Francesco Sammut nomine v. Dr Rocco Peralta nomine** decisa il 7 Giugno 1881, Vol. IX-459, ammettendo la prescrizione opposta da un curatore di una eredità giacente.»*

30. F'dan is-sens huma wkoll is-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Carlo Farrugia Satariano v. Dr Giuseppe Frendo Azzopardi et*** deċiża fit-8 ta' Jannar, 1920 (li kienet dwar il-preskrizzjoni relattiva għal kawża ta' serviġi); u dik fl-ismijiet ***Rev. Salv. Griscti nomine v. Dr Louis Galea et nomine*** mogħtija fil-25 ta' Novembru, 1931). F'din l-aħħar sentenza l-Qorti qalet:

> *«il curatore d'ufficio può eccepire la prescrizione breve, mentri non gli si può deferire il giuramento contemplato nell'articolo 1924 dell'Ordinanza VII del 1868 (illum l-Artikolu 2160) perché non è presumibile che egli sappia di scienza propria i fatti per poter coscienziosamente rispondere, giusta la formola delle legge.»*

31. Tal-istess fehma kienet b'referenza għall-kuratur deputat ta' wirt battal, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar, 1936 fil-kawża fl-ismijiet ***Reverendu Vinvcenzo Borg nomine v. Dr Giuseppe Mifsud Speranza nomine*** (**Vol. XXIX.II.989**).

32. Ġie mtenni wkoll mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet ***Giovanni Coleiro nomine v. Spiridione Borg nomine*** mogħtija fl-14 ta' Diċembru, 1933 li:

> *«se si ammettesse che il curatore di una eredità giacente non potrebbe sollevare tale eccezione si verrebbe alla conclusione che la inazione del creditore per tempo utile e la morte del suo debitore resero la sua posizione giuridica migliore, poiché la sua domanda che, vivo il debitore, avrebbe potuto essere vulnerata colla prescrizione, ora diventa immune dalla stessa legge, il che non è ammissibile.»*

33. Terġa' u tgħid, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tat-

12 ta' Jannar, 1935 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Tommaso Fenech nomine v. Arturo Grech et*** (Vol. XXIX.11.258) fissret li filwaqt li qablet li l-kuratur jista' jqajjem l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni msemmija fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili,** il-ġurament imsemmi fl-istess artikolu jista' jingħata biss lil dawk il-persuni msemmija. Il-kuratur mhux inkluż fost il-persuni msemmija u għalhekk it-talba biex jieħu l-ġurament ma setgħetx tintlaqa'. Dan huwa rifless ta' dak li ġie miżmum mill-Qorti tal-Appell Ċivili fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Ġunju, 1909 fl-ismijiet ***Carlo Farrugia Satariano v. Emmanuele Albanese nomine et*** (**Vol. XX.I.213**) fejn ukoll saret referenza għat-tagħlim tal-awtur **Laurent** (**XXX,513 *et seq***) fuq dan il-punt (ara wkoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Mejju, 1949 fl-ismijiet ***Giuseppe Bonello v. Pietro Vella*** (V**ol. XXXIII.11.277**).

34. Ta' riljev ukoll huwa dak li ntqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Barbara v. Wisq Reverendu Professur Don Carmelo Sant, D.D. nomine*** mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 1955, ċjoè li:

> *«Illi l-preskrizzjonijiet brevi (bħal ma hija dik ta' ħames snin) mhumiex biss preżuntivi tal-pagament, imma anki ta' ineżistenza ta' obbligazzjoni, in relazzjoni għall-formuli tal-ġurament kontenuti fl-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili, kif ġie deċiż mill-Appell presjedut minn Sir Adrian Dingli fis-27 ta' Marzu, 1885, in re* ***Luigi Pace Bonello, PL v. Elvira Bugeja Caruana et*** *(**Vol. X, p.773** u ta' wara). Jingħad ukoll illi l-ġurament li jiġi deferit lil min jagħti l-preskrizzjoni mill-attur, jekk hekk jagħżel li jagħmel, u jista' jagħmel, ma huwiex intiż biex jikkompleta l-preskrizzjoni, imma huwa mezz biss biex jirrespinġiha (ara Prim'Awla Ċivili 8 ta' Jannar, 1920, Vol. XXIV. P.II, p.97). Meta mbagħad il-persuna, jew persuni, li jġibu 'l quddiem il-preskrizzjoni mhumiex in grado li jipprestaw il-ġurament (kuraturi jew, bħal fil-każ inkwistjoni, il-konvenut Rapa nomine, li ma jistax 'di scienza propria' sew jafferma kemm jinnega), jiġi jonqos lill-attur il-mezz biex jiddistruġġiha; imma l-*

> *preżunzjoni tal-ħlas tibqa' ħajja, u l-preskrizzjoni għandha jkollha l-effett tagħha.»* (Ara wkoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Frar, 1958 fl-ismijiet ***Ivy Angus v. Joseph Calleja nomine***).

35. Jinżel b'hekk li qabel ma l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** ġie emendat, kien ġie aċċettat mill-Qrati li l-kuratur deputat jista' jeċċepixxi l-preskrizzjonijiet qosra u li huwa m'għandux jingħata l-ġurament. Meta nduru għall-każ tagħna, jiġi b'hekk li l-kuraturi deputati ġaladarba kienu qegħdin jirrappreżentaw wirt battal ma setgħux jiġu esposti għall-ġurament. Fuq kollox, mill-atti lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi talba f'dan is-sens min-naħa tal-atturi sabiex il-kuraturi joqogħdu għall-ġurament deċiżorju skont il-qagħda legali tal-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** qabel l-emendi tal-2017. Għalhekk il-kuraturi deputati appellanti kellhom kull jedd iressqu l-eċċezzjoni li ressqu, u fuq kollox, din l-istess eċċezzjoni setgħet tirnexxi allavolja huma ma setgħux jagħtu ġurament.

36. Illi fil-fehma tal-Qorti din il-ġurisprudenza dwar il-pożizzjoni tal-kuratur deputat meta jiġu eċċepiti minnu l-preskrizzjonijiet qosra għandha sservi ta' bażi u ta' gwida anke fil-konfront tal-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** kif emendat fl-2017.

37. Kif rajna, il-preskrizzjoni qasira hija msejsa kemm fuq il-preżunzjoni tal-ħlas, kif ukoll l-ineżistenza tal-obbligazzjoni. B'dan jiġi li l-ġurament deċiżorju, kif kien qabel l-emendi, kien maħsub bħala mezz biex kreditur jopponi l-preskrizzjoni. Bl-emendi tas-sena 2017, l-oneru biex jittieħed il-

ġurament waqa' fuq il-konvenut li jeċċepixxi preskrizzjoni qasira. Fil-fatt jidher li dawn l-emendi jirriflettu aktar l-iskop ewlieni tal-preskrizzjonijiet qosra. Dan qiegħed jingħad għaliex ladarba meta tingħata l-preskrizzjoni qasira hemm il-preżunzjoni tal-ħlas jew tal-ineżistenza tiegħu, il-konvenut għandu jsaħħaħ dik l-eċċezzjoni bil-ġurament tiegħu li mhux debitur jew li ma jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa.

38. Meqjus dan, għalkemm l-emendi poġġew l-oneru fuq il-konvenut li jagħti l-ġurament tiegħu sabiex l-eċċezzjoni tirnexxi, la l-iskop tal-ġurament deċiżorju ma nbidel u lanqas il-pożizzjoni tal-kuraturi deputati. Ir-rwol tal-kuratur deputat baqa' l-istess. Fejn ikun hemm sitwazzjonijiet fejn il-kuratur deputat mhux edott mill-fatti bħal meta jkun qiegħed jirrappreżenta wirt battal jew xi ħadd assenti li miegħu jew magħha m'hemmx kuntatt, ma jistax jieħu l-ġurament għaliex huwa personalment ma jafx u ma jistax jaħlef.

Fuq kollox, l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** jsemmi min huma l-persuni li għandhom jagħtu l-ġurament, u l-kuratur deputat mhux inkluż f'dik it-tismija. Kif qalu tajjeb il-kuraturi deputati huma mhumiex id-debituri. Interpretazzjoni mod ieħor tkun tfisser li l-kuraturi deputati qatt ma jistgħu jeċċepixxu l-preskrizzjonijiet qosra u dan m'għandux ikun il-każ għaliex ikun ta' żvantaġġ għal dawk li huma qegħdin jirrapreżentaw. Fuq kollox l-attur dejjem jifdallu l-jedd li jegħleb l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bil-provi,

inkluż li jipprova l-interruzzjoni, l-ammissjoni u/jew ir-rinunzja.

39. Għamlet ħażin għalhekk l-Ewwel Qorti li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għar-raġuni li l-kuraturi deputati ma ħadux il-ġurament imsemmi fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**. Dan qed jingħad mhux biss għaliex l-emendi l-ġodda f'dan l-artikolu ma jolqtux l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li kienet ġa tressqet mill-kuraturi deputati f'dan il-każ qabel ġew fis-seħħ l-emendi tal-2017, iżda anke għaliex f'kull każ l-emendi l-ġodda tal-2017 japplikaw għad-debitur li huwa f'qagħda li jaħlef dwar id-dejn u mhux ukoll għall-kuraturi deputati li dwar id-dejn ma jkunu jafu b'xejn.

40. Ngħaddu għalhekk biex naraw jekk il-kuraturi deputati għandhomx raġun jgħidu li t-talba tal-attriċi hija preskritta.

41. Il-kuraturi deputati appellanti eċċepew li parti mit-talba attriċi hija preskritta billi għaddiet is-sena u dan skont ma jipprovdi l-**Artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, liema artikolu jipprovdi li l-azzjonijiet imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sena fosthom dik fis-**subinċiż (ċ),** *«l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu.»*

42. Mhux kontestat li l-impjieg tal-attriċi ma' Mary Martin beda fl-1 ta' April, 2011 u ntemm fit-28 ta' Ġunju, 2012. It-talba tal-attriċi tirreferi għall-perjodu kollu li hija kienet qiegħda taħdem magħha. Mill-ġurnata tat-tmiem tal-impjieg sad-data li ġiet ippreżentata l-kawża għaddiet kważi sena, tnaqqas minnha 35 jum.

43. Din il-Qorti jidhrilha li l-preskrizzjoni mqanqla tapplika għall-każ tal-attriċi, għalkemm jista' jkun hemm argument dwar jekk tapplikax għal dak li huma ħlas tal-ġranet franki li ħadmet xorta waħda, biss però aggravju dwar dan ma tressaqx. Jirriżulta li l-attriċi kellha kuntratt ta' impjieg li permezz tiegħu hija kienet titħallas bix-xahar. Kif diġà ngħad l-attriċi qiegħda titlob ħlas ta' sahra, tal-ġranet franki u tal-btajjel pubbliċi.

44. Mad-daqqa t'għajn jirriżulta li kif jgħidu sew il-kuraturi deputati l-azzjoni attriċi ġiet preżentata aktar minn sena wara li ntemm l-impjieg. Però l-attriċi kellha l-jedd li tipprova xxejjen l-eċċezzjoni billi tressaq prova tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jew ta' rinunzja tal-istess. Fil-każ tal-lum jingħad li ma jirriżultax mill-provi li seta' kien hemm xi għarfien tad-dejn jew rinunzja għall-preskrizzjoni, aktar u aktar, meta rriżulta li Mary Martin (li mietet waqt il-proċeduri) ma kinitx fi stat li tieħu ħsieb ħwejjiġha minħabba s-saħħa mentali tagħha, fl-aħħar snin ta' ħajjitha. Għal dik li hija l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jirriżulta mill-atti li l-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali nhar il-15 ta' Mejju, 2013 fil-konfront ta' Mary Martin, li però

ma ġietx notifikata lill-istess. Insibu referta li Mary Martin ma ġietx notifikata fit-3 ta' Ġunju, 2013 billi l-*manager* ta' Casa Arkati avża lill-Marixxal li hija kienet tbati minn dimensja.

45. Jiġi b'hekk li l-kuraturi deputati għandhom raġun f'dan l-aggravju u b'hekk jirriżulta li l-azzjoni attriċi hija f'parti minnha preskritta, ħlief għal 35 jum. Din il-Qorti se tikkalkula l-ammont dovut wara li tqis iż-żewġ aggravji li fadal.

46. Induru issa għat-**<u>tieni aggravju</u>**, li permezz tiegħu l-kuraturi deputati jgħidu li kuntrarjament għal dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, l-**Ordni għall-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku** (**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.22**) jgħodd għall-azzjoni attriċi. Ir-**Regolament 2(1)** ta' din il-Leġislazzjoni jipprovdi li l-Ordni:

> *«għandu japplika għall-impjegati kollha fi djar privati li jaħdmu f'xogħlijiet domestiċi, bħalma huma sefturi, kamriera, housekeepers, koki, butlers, valets, handymen, cleaners, fattiga, ħassiela, babysitters, nursemaids u persuni oħra impjegati f'xogħol bħal dan, inklużi chauffeurs, ġardinara u mpiegi simili li għandhom x'jaqsmu ma' xogħol tad-dar.»*

47. Jissoktaw jgħidu li l-attriċi kienet taqa' fil-kategorija ta' impjegata fis-servizz domestiku. Isostnu li l-attriċi tikkwalifika fil-Grupp 1 skont l-iskeda tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 452.40**, u skont ir-**Regolament 5(1)** jidher ċar li s-sahra ta' siegħa/siegħa u nofs tgħodd għal dawk il-ħaddiema fil-grupp 1 meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom. Dan

ifisser li l-liġi kienet qed tikkontempla biss sahra dovuta għall-ħaddiema tal-Grupp 1, biss għal dawk iċ-ċirkostanzi meta ma jorqdux għand il-prinċipal tagħhom. Meta effettivament jorqdu għand il-prinċipal tagħhom, il-liġi ma tikkontempla ebda kunċett ta' sahra. Jgħidu wkoll li r-**Regolament 5(2)** jitkellem dwar ħidma ta' kull ħaddiem (u għalhekk f'kwalunkwe Grupp) matul vaganza. Kif diġà ngħad fl-ewwel aggravju ma jirriżultax li hemm vaganzi wara l-24 ta' Mejju 2012 (bl-aħħar waħda tkun l-1 ta' Mejju 2012).

48. Illi għalkemm irriżulta mix-xhieda tal-istess attriċi li hija kienet ukoll issajjar u tnaddaf, barra li kienet tikkura lil Mary Martin u ħutha, dan ma jfissirx awtomatikament li l-attriċi taqa' fid-definizzjoni ta' persuna fis-servizz domestiku. Ħarsa lejn id-dokumentazzjoni esibita jirriżulta li hija ġiet impjegata bħala *personal carer* (ara paġni 74, 105 u 134 tal-atti proċesswali).

49. It-tifsira mogħtija ta' min jikkwalifika li jaħdem f'xogħol domestiku tagħmel enfasi fuq xogħol tad-dar. Anke x-xogħlijiet imsemmija jsaħħu din l-interpretazzjoni. Ix-xogħol tal-attriċi kien biex tieħu ħsieb u tikkura lil Mary Martin. Jekk kienet twettaq xogħlijiet oħra bħal tisjir, ħasil ta' ħwejjeġ tas-sodda u xiri, dan ma jfissirx li l-irwol ewlieni tagħha nbidel. Għalhekk dan it-tieni aggravju mhux mistħoqq.

50. Permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>**, il-kuraturi deputati jsostnu li l-fatt li l-attriċi baqgħet taħdem għal tlettax-il xahar (minn 14-il xahar total), qabel hija lmentat għall-ewwel darba dwar dak li talbet fir-rikors promotur tagħha twassal għal rinunzja ċara u espliċitu.

51. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Mary Ciantar v. Ladislao Giuseppe Micolucci et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' April, 2010 ġie mtenni:

> *«Illi dwar il-kunċett ta' rinunzja ssir riferenza għad-deċiżjoni* ***– "Anthony Scerri v. Anthony Cutajar et"*** *(A.I.C. (PS) - 16 ta' Marzu 2005) fejn ġew elenkati l-elementi neċessarji stabbiliti fil-ġurisprudenza dwar ir-rinunzja ta' dritt, u konsistenti ma' dan ingħad li:-*
>
> > *(1) «La rinunzia ad un diritto, perché si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressioni generiche» (****Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154****).*
> >
> > *(2) «Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guisa che in dubbio s' intenda rimesso quanto meno sia possibile» (****Sciberras v. Giappone****, Qorti Civili, Prim' Awla, 12 ta' Ottubru 1840).*
> >
> > *(3) «Ir-rinunzji huma di stretto diritto u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volontà preċiża tar-rinunzjant» - "****Henry Thake v. Carmel sive Lino Borg****", Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Novembru 1986.*
> >
> > *(4) «Inkwantu għall-eżami dwar in-natura tal-att u l-effikaċja tiegħu biex jopera r-rinunzja, dan l-eżami huwa rimess għall-apprezzament tal-ġudikant, li għandu jieħu inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha li fihom ġie kompjut l-att» (****Kollez. Vol. XXXIV P II p 646****).»*

52. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhux siewi. Il-fatt li l-attriċi baqgħet taħdem għal dawk ix-xhur kollha ma jfissirx li kien hemm rinunzja ċara u univoka għad-drittijiet tagħha. Dan meta, aktar iva milli le, l-attriċi fdat

ruħha f'idejn l-imgħallem tagħha. Tant ma rrinunzjatx li qabel ma ġie mwaqqaf l-impjieg tagħha marret flimkien ma' dak iż-żmien l-għarus tagħha (illum żewġha) tressaq l-ilmenti tagħha. Xahar qabel tkeċċiet, żewġha xehed (fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2017) li kien qal lill-qariba ta' Mary Martin, ċertu Marcelle, li kienet tieħu ħsieb il-flus ta' Mary Martin, li l-attriċi kienet qiegħda taħdem ħafna billejl u kellha l-jedd titħallas. Ma kienx hemm aċċettazzjoni u għalhekk marru d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg.

53. Għaldaqstant dan l-aggravju mhux mistħoqq.

54. Fadal issa l-kalkolu tal-ammont dovut lill-attriċi. Din il-Qorti se tistrieħ fuq ir-rati kif stabbiliti mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg billi mhux talli ma ġewx ikkontestati, talli l-kuraturi deputati rreferew għalihom ukoll. Din il-Qorti se tieħu kont biss li tikkalkula mill-24 ta' Mejju, 2012 sat-28 ta' Ġunju, 2012. Kien hemm biss btala pubblika waħda, is-7 ta' Ġunju, 2012, u b'hekk l-attriċi għandha dritt għal €110.10 (1 x 15-il siegħa x €7.34). Dwar is-sahra: €673.75 (35 ġurnata x 3.5 sigħat x €5.50). Inkwantu għall-ħlas tal-granet franki, madwar tliet ijiem: €528.48 (3 x 24 siegħa x €7.34). It-total huwa €1,312.33.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti filwaqt li **<u>tiċħad</u>**

it-tieni u t-tielet aggravji mressqa mill-kuraturi deputati, **<u>tilqa'</u>** l-ewwel aggravju tal-kuraturi deputati u għalhekk tħassar is-sentenza appellata sa fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**, u minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u tiddikjara li parti mill-azzjoni attriċi hija preskritta. Bħala riżultat tal-ilqugħ tal-preskrizzjoni, il-Qorti qiegħda tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi tilqa' biss it-tieni talba attriċi f'parti minnha u tillikwida l-ammont dovut lill-attriċi fis-somma ta' elf, tliet mija u tnax-il ewro, u tlieta u tletin ċenteżmu (€1,312.33) minflok is-somma ta' ħdax-il elf, disa' mija u disgħa u tletin ewro, u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€11,939.75) likwidata mill-Ewwel Qorti. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-imgħax mid-data tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż kemm tal-ewwel istanza u dawk tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm